Nru. 17,733
Prezz Lm2.40ċ
Price Lm2.40c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 25 ta' Frar, 2005
Friday, 25th February, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 192

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 40 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

Il-25 ta' Frar, 2005

Nru. 193

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Frar, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 189 tat-22 ta' Frar, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-23 ta' Frar, 2005
(OPM 1/2005)

GOVERNMENT NOTICES

No. 192

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 40 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2005.

25th February, 2005

No. 193

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Wednesday, 23rd February, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 189 of the 22nd February, 2005, ceased to have effect accordingly.

23rd February, 2005

Nru. 194

BORD TA' L-APPELLI DWAR IR-RIFUĠJATI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 383 ta' l-2004, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għoġbu japprova dawn it-tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati:

Chamber 1 kompost mill-Professur Henry Frendo, B.A., B.A. (Hons), M.A., D.Phil (Oxon), bħala *Chairman* u Dott. Mark Chetcuti, LL.D. u Dott. Neville Camilleri, LL.D., bħala Membri.

Chamber 2 kompost minn Dott. Ian Spiteri Bailey, LL.D., bħala *Chairman* u Dott. Chris Balzan, LL.D., u s-Sur Herbert Agius bħala Membri.

Dawn it-tibdiliet ġew fis-seħħ fl-14 ta' Frar 2005, għal perijodu ta' tliet snin.

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 991 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Settembru, 2004 u n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1112 lippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Ottubru, 2004 huma b'din imħassra.

Il-25 ta' Frar, 2005

No. 194

REFUGEE APPEALS BOARD

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Legal Notice 383 of 2004, the Prime Minister and Minister of Finance has approvved the following changes in the composition of the Refugee Appeals Board:

Chamber 1 composed of Professor Henry Frendo, B.A., B.A. (Hons), M.A., D.Phil (Oxon), as Chairman and Dr Mark Chetcuti, LL.D., and Dr Neville Camilleri, LL.D., as Members.

Chamber 2 composed of Dr Ian Spiteri Bailey, LL.D., as Chairman and Dr Chris Balzan, LL.D., and Mr Herbert Agius, as Members.

These changes came into force with effect from the 14th February 2005, for a period of three years.

It is hereby notified that Government Notice No. 991 published in the Government Gazette dated 17th September 2004 and Government Notice No. 1112 published in the Government Gazette dated 29th October, 2004 are hereby repealed.

25th February, 2005

Nru. 195

'WARRANT' MID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (2) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja, ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Dott. Mario Costa — Is-Sur Stephen Borg

Pulizija
Spettur Alexander Miruzzi — PC 1477 Joseph Galea
WPC 60 Mary Grace Bianco — WPC 114 Gina Schembri
WPC 151 Carmen Parnis

B'Awtorità

TONIO BORG
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

Il-25 ta' Frar, 2005
(MJHA/144/2003/III)

No. 195

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs
Dr Mario Costa — Mr Stephen Borg

Police
Inspector Alexander Miruzzi — PC 1477 Joseph Galea
WPC 60 Mary Grace Bianco — WPC 114 Gina Schembri
WPC 151 Carmen Parnis

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

25th February, 2005

Nru. 196

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Pierre Attard, bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Elisa Falzon, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer matul il-perijodu bejn id-disgħa ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa (09/02/2005) u s-sittax ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa (16/02/2005).

Joelle Camilleri, B.Com
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili

It-22 ta' Frar, 2005

No. 196

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Pierre Attard as a Delegate/Keeper of the acts of Notary Dr Elisa Falzon, during the latter's absence from these Islands for the period starting ninth February, two thousand and five (09/02/2005) ending sixteenth February, two thousand and five (16/02/2005).

Joelle Camilleri, B.Com
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

22nd February, 2005

Nru. 197

FUNZJONIJIIET TA' UFFIĊJALI TAS-SAĦĦA AMBJENTALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi Uffiċjali tas-Saħħa Ambjentali mwaqqfa taħt l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Att XII ta' l-2003) se jassumu d-dmirijiet u funzjonijiet ta' Spetturi tas-Saħħa b'effett immedjat.

Il-25 ta' Frar, 2005

No. 197

FUNCTIONS OF THE POST OF ENVIRONMENTAL HEALTH OFFICERS

IT is hereby notified for general information that Environmental Health Officers established under the Healthcare Professions Act (Act XII of 2003), will assume the duties and functions of Health Inspectors with immediate effect.

25th February, 2005

Nru. 198

ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS-SAJD (KAP. 146)

Applikazzjonijiet għall-Għajnuna f'Żona skond ir-Regolamenti dwar l-Aġenzija ta' Pagamenti, 2005

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 141 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Frar 2005, qed jiġu annessi kopji tad-Dikjarazzjoni Inizjali magħrufa bħala d-Dikjarazzjoni ta' Interess, u l-Applikazzjoni Uffiċjali li tiġbor fiha fil-qosor l-informazzjoni mogħtija fid-Dikjarazzjoni ta' Interess, u li hija kkunsidrata bħala t-talba uffiċjali għall-għajnuna min-naħa tal-bidwi. Dawn il-formoli huma eżempju tal-formoli stampati li jiġu pproċessati mis-sistema kompjuterizzata ta' l-IACS. Annessi hawn ukoll in-Noti ta' Tifsir li jagħtu aktar dettall ta' kull ma hu meħtieġ biex wieħed ikun eliġibbli għall-iskemi kollha ta' għajnuna ppubblikati fin-Notifikazzjoni tal-Gvern imsemmija hawn fuq.

No. 198

AGRICULTURE AND FISHERIES INDUSTRIES (FINANCIAL ASSISTANCE) ACT (CAP. 146)

Area Aid Applications in Terms of the Paying Agency Regulations, 2005

WITH reference to Government Notice No. 141 published in the Government Gazette of the 15th February 2005, copies of the Initial Declaration Form entitled Declaration of Interest, and the Official Application Form which summarizes the information in the Declaration of Interest, and which is considered as the official claim for aid from the farmer's part are hereby being annexed. These forms are an example of the printed forms which are processed through the IACS software application. Annexed are also the explanatory notes that give more details of what is required for eligibility for all the schemes published in the aforementioned Government Notice.

Ministeru għall-Affarjiet Rurali u l-Ambjent

Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll

Aġenzija għall-Pagamenti
MINISTERU GHALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT
MALTA

Dikjarazzjoni ta' Interess

A – Applikazzjoni

Dettalji ta' l-Applikazzjoni

Nru ta' l-FRC: **ZBR 1234**

- ☐ Applikazzjoni Inizjali
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 15 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 19 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 22 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 68 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 72 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 74 tar-Reg. (KE) Nru 796/04

Numru ta' l-Applikazzjoni: 1234567M-01-01-2005

Numru ta' l-Applikazzjoni Modifikata:

Produttivita' tal-wiċċ tar-raba'

- ☐ Qasam li jkollu uċuh li jipproduċu ≥ 92 tunnellata (b'referenza għal Art. 6 tar-Reg. (KE) Nru 1251/99)
- ☐ Qasam li jkollu uċuh li jipproduċu < 92 tunnellata (b'referenza għal Art. 6 tar-Reg. (KE) Nru 1251/99)

B – L-Applikant/a

Dettalji ta' l-Applikant/a

Isem Legali Sħiħ
Indirizz

Numru ta' l-ID:
Numru tal-VAT:
Numru ta' l-FRC:
Numru tat-Telefon:

Dettalji tar-Rappreżentant Ġudizzjali

Isem
Indirizz

Numru ta' l-ID:
Numru tal-VAT:
Numru tat-Telefon:

C – Għajnuna għall-art li tinħadem

Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba'

Nru tal-biċċa art miżrugħa	Metodu tat-tisqija	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'

Fil-Qosor

Użu	Wiċċ użat (ettari)

Anomaliji

- ☐ Il-Qasam kollu < 0.1 ettari

D – Frott u Ħxejjex għall-Produzzjoni						
Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba'						
Nru tal-biċċa art miżrugħa	Metodu tat-tisqija	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'	Nru ta' pjanti/siġar
Fil-Qosor						
Użu		Wiċċ użat (ettari)		Nru ta' pjanti/siġar		

E – Frott u Tadam għall-Ipproċessar						
Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba'						
Nru tal-biċċa art miżrugħa	Metodu tat-tisqija	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'	Stima tal-Kwantita' (kg)
Fil-Qosor						
Użu		Wiċċ użat (ettari)		Nru ta' pjanti/siġar		Stima tal-Kwantita' (kg)
Żidiet						
☐ Mehmuż/a hawn il-kuntratt/i mal-Proċessur/i tat-Tadam						
☐ Mehmuż/a hawn il-kuntratt/i mal-Processur/i tal-Frott						
Anomaliji						
☐ Nuqqas tal-kuntratt/i għall-kunsenja tat-Tadam						
☐ Nuqqas tal-kuntratt/i għall-ipproċessar tal-Frott						

F – Patata						
Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba'						
Nru tal-biċċa art miżrugħa	Metodu tat-tisqija	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'	Stima tal-Kwantita' (kg)
Fil-Qosor						
Użu		Wiċċ użat (ettari)		Stima tal-Kwantita' (kg)		
Żidiet						
☐ Mehmuża hawn l-irċevuta tax-xiri tal-patata taż-żerriegħa						
Anomaliji						
☐ Nuqqas ta' l-irċevuta tax-xiri tal-patata taż-żerriegħa						

G – Żebbuġ

Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba'

Nru tal-biċċa art miżrugħa	Metodu tat-tisqija	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'	Stima tal-Kwantita' (kg)

Nru ta' pjanti/siġar	Distanza f'kull ringiela (m)	Distanza bejn ringiela u oħra (m)	Sena tat-tħawwil	Bidliet / Żidiet	Sena tat-tħawwil ġdid

Fil-Qosor

Użu	Wiċċ użat (ettari)	Nru ta' pjanti/siġar	Stima tal-Kwantita' (kg)

Żidiet

☐ Mehmuż hawn l-Iskema ta' Xogħlijiet għas-siġar taż-żebbuġ

☐ Mehmuż hawn id-Dikjarazzjoni tal-Ħsad tal-Produzzjoni taż-żebbuġ

Anomaliji

☐ Nuqqas ta' l-Iskema ta' Xogħlijiet għas-siġar taż-żebbuġ

☐ Nuqqas tad-Dikjarazzjoni tal-Ħsad tal-Produzzjoni taż-żebbug

H – Taħwil ta' Dwieli

Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba'

Nru tal-biċċa art miżrugħa	Għalqa tad-Dwieli	Proċedura ta' Intervent	Sistema ta' Xeblik	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'

Skop għall-Prodott	Nru ta' pjanti/siġar	Distanza f'kull ringiela (m)	Distanza bejn ringiela u oħra (m)	Sena intenzjonata għat-Tħawwil

Fil-Qosor

Użu	Wiċċ użat (ettari)	Nru ta' pjanti/siġar

Żidiet

☐ Mehmuż hawn l-Iskema ta' Xoghlijiet għat-Taħwil ta' Dwieli

☐ Mehmuża hawn l-Istima (fil-każ ta' ħlas minn qabel) għat-Taħwil ta' Dwieli

☐ Mehmuża hawn il-Garanzija għat-Taħwil ta' Dwieli

Anomaliji

☐ Nuqqas ta' l-Iskema ta' Xogħlijiet għat-Taħwil ta' Dwieli

☐ Nuqqas ta' l-Istima għat-Taħwil ta' Dwieli

☐ Nuqqas tal-Garanzija għat-Taħwil ta' Dwieli

☐ Nuqqas tad-Dikjarazzjoni tal-Ħsad ta' l-Għeneb għat-Taħwil ta' Dwieli

☐ Il-wiċċ kollu għat-Taħwil ta' Dwieli < 0.112 ettari

☐ Inqas minn 1,000 pjanta / ettaru fuq biċċa art mizrugħa

I – Ristrutturar ta' Dwieli

Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba'

Nru tal-biċċa art miżrugħa	Għalqa tad-Dwieli	Proċedura ta' Intervent	Sistema ta' Xeblik	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'

Skop għall-Prodott	Nru ta' pjanti/siġar	Distanza f'kull ringiela (m)	Distanza bejn ringiela u oħra (m)	Sena tat-Tħawwil

Fil-Qosor

Użu	Wiċċ użat (ettari)	Nru ta' pjanti/siġar

Żidiet

- ☐ Mehmuż hawn l-Iskema ta' Xogħlijiet għar-Ristrutturar ta' Dwieli
- ☐ Mehmuża hawn l-Istima (fil-każ ta' ħlas minn qabel) għar-Ristrutturar ta' Dwieli
- ☐ Mehmuża hawn il-Garanzija għar-Ristrutturar ta' Dwieli

Anomaliji

- ☐ Nuqqas ta' l-Iskema ta' Xogħlijiet għar-Ristrutturar ta' Dwieli
- ☐ Nuqqas ta' l-Istima għar-Ristrutturar ta' Dwieli
- ☐ Nuqqas tal-Garanzija għar-Ristrutturar ta' Dwieli
- ☐ Nuqqas tad-Dikjarazzjoni tal-Ħsad ta' l-Għeneb għar-Ristrutturar ta' Dwieli
- ☐ Il-wiċċ kollu għar-Ristrutturar ta' Dwieli < 0.112 ettari
- ☐ Inqas minn 1,000 pjanta / ettaru fuq biċċa art mizrugħa

J – Għajnuna addizzjonali għad-Dwieli

Dettalji tal-bidu dwar il-wiċċ tar-raba'

Nru tal-biċċa art miżrugħa	Għalqa tad-Dwieli	Proċedura ta' Intervent	Sistema ta' Xeblik	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'

Skop għall-Prodott	Nru ta' pjanti/siġar	Distanza f'kull ringiela (m)	Distanza bejn ringiela u oħra (m)	Sena tat-Tħawwil

Fil-Qosor

Użu	Wiċċ użat (ettari)	Nru ta' pjanti/siġar

Żidiet

- ☐ Mehmuża hawn il-kopja tad-Dikjarazzjoni tal-Ħsad ta' l-Għeneb għas-sena ta' qabel, li diġa' ġiet ippreżentata lill-Amministrazzjoni

Anomaliji

- ☐ Nuqqas tad-Dikjarazzjoni tal-Ħsad ta' l-Għeneb għall-għajnuna addizzjonali għad-Dwieli
- ☐ Il-wiċċ kollu għall-għajnuna addizzjonali għad-Dwieli < 0.056 ettari
- ☐ Inqas minn 1,000 pjanta/ ettaru fuq biċċa art mizrugħa

K – Ħitan tas-Sejjieħ

Dettalji dwar il-kejl tal-ħitan

Nru tal-biċċa art	Użu	Tip ta' ħajt	Tul tal-ħajt bil-ħsara (m)	Għoli tal-ħajt bil-ħsara (m)	Kejl totali tal-ħajt bil-ħsara (m^2)	Kejl tal-ħajt tas-sejjieħ reffiedi (m^2)	Kejl tal-ħajt bil-ħsara li għalih qed issir it-talba għar-restawr (m^2)

Fil-Qosor

Użu	Kejl totali tal-ħajt bil-ħsara (m^2)	Kejl tal-ħajt bil-ħsara li għalih qed issir it-talba għar-restawr (m^2)

Żidiet

- ☐ L-Applikazzjoni inizjali tinsab għaddejja
- ☐ L-obbligu inizjali (l-applikazzjoni) qiegħed jiġi mtawwal
  - Sena ta' l-obbligu ☐ 1 ☐ 2 ☐ 3 ☐ 4 ☐ 5
  - Żmien ta' l-obbligu Minn: Sa:
- ☐ Mehmuż hawn il-Pjan tat-Tmexxija
- ☐ Mehmuża hawn l-approvazzjonijiet u l-permessi tal-MEPA għal dawk il-ħitan tas-sejjieħ li huma ogħla minn 2.4m

Anomaliji

- ☐ Nuqqas tal-Pjan tat-Tmexxija
- ☐ Nuqqas ta' l-approvazzjonijiet u l-permessi tal-MEPA għal dawk il-ħitan tas-sejjieħ li huma ogħla minn 2.4m
- ☐ Il-kejl totali tal-ħitan tas-sejjieħ < $10m^2$
- ☐ L-għoli tal-ħitan tas-sejjieħ < 1m
- ☐ Talba għall-għajnuna > 2000€ /ettaru fis-sena

L – Awtoktoni

Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba' / dwar l-ispeċi

Nru tal-biċċa art miżrugħa	Metodu tat-tisqija	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Varjeta'	Nru ta' siġar

Fil-Qosor

Varjeta'	Nru ta' siġar

Żidiet

- ☐ L-Applikazzjoni inizjali tinsab għaddejja
- ☐ L-obbligu inizjali (l-applikazzjoni) qiegħed jiġi mtawwal
  - Sena ta' l-obbligu ☐ 1 ☐ 2 ☐ 3 ☐ 4 ☐ 5
  - Żmien ta' l-obbligu Minn: Sa:
- ☐ Mehmuż hawn il-Pjan tat-Tmexxija

Anomaliji

- ☐ Nuqqas tal-Pjan tat-Tmexxija

M – Biedja Organika					
Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba'					
Nru tal-biċċa art miżrugħa	Metodu tat-tisqija	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'

Fil-Qosor	
Użu	Wiċċ użat (ettari)

Żidiet	
☐	L-Applikazzjoni inizjali tinsab għaddejja
☐	L-obbligu inizjali (l-applikazzjoni) qiegħed jiġi mtawwal
	Sena ta' l-obbligu ☐ 1 ☐ 2 ☐ 3 ☐ 4 ☐ 5
	Żmien ta' l-obbligu Minn: Sa:
☐	Mehmuż hawn kopja taċ-ċertifikat maħruġ mill-Korp ta' Ċertifikazzjoni rikonoxxut mill-Awtorita' Kompetenti Maltija
☐	Mehmuż hawn il-Pjan tat-Tmexxija għall-Biedja Organika
☐	Mehmuża hawn il-Lista tal-Fertilizzanti, Pestiċidi, u Tibdil fil-Ħamrija
☐	Mehmuża hawn il-kopja ta' l-Analiżi tal-Ħamrija, li tinkludi il-kontenut ta' materja organika fil-ħamrija qabel beda l-obbligu

Anomaliji	
☐	Nuqqas tal-kopja taċ-ċertifikat maħruġ mill-Korp ta' Ċertifikazzjoni rikonoxxut mill-Awtorita' Kompetenti Maltija
☐	Nuqqas tal-Pjan Pjan tat-Tmexxija għall-Biedja Organika
☐	Nuqqas tal-Lista tal-Fertilizzanti, Pestiċidi, u Tibdil fil-Ħamrija
☐	Nuqqas tal-kopja ta' l-Analiżi tal-Ħamrija
☐	L-applikazzjoni ghall-biedja organika < 0.112 ettari

N – Żoni Żvantaġġati					
Nru tal-biċċa art miżrugħa	Nru ta' riferenza tal-biċċa art miżrugħa	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Skema ta' Referenza

Fil-Qosor	
Użu	Wiċċ użat (ettari)

Anomaliji	
☐	Total ta' żona żvantaġġata < 0.112 ettari

O – Użi Oħrajn					
Dettalji dwar il-wiċċ tar-raba'					
Nru tal-biċċa art miżrugħa	Metodu tat-tisqija	Wiċċ (ettari)	Wiċċ użat (ettari)	Użu	Varjeta'

Fil-Qosor	
Użu	Wiċċ użat (ettari)

P – Miżura Ad Hoc għall-bdiewa full-time		
Nru ta' l-ID:	Stat ta' Irrigazzjoni: (Bagħli/Saqwi)	Kobor totali Bagħli (m^2):
		Kobor totali Saqwi (m^2):

Q – Dikjarazzjoni

Jiena, **JOHN BORG**, hawn taħt iffirmat/a, qiegħed/qiegħda napplika għall-għajnuna għall-użuħ indikati fl-applikazzjoni t'hawn fuq, fuq il-bażi tad-direttivi, liġijiet u regolamenti Nazzjonali u tal-Komunita'.

Għal dan il-għan jiena nassumi r-responsabbilta' u niddikkjara li jiena:

- Nagħraf li hemm pieni u sanzjonijiet li jiġu applikati f'każ li fl-applikazzjoni tiegħi ikun hemm dikjarazzjonijiet li jirriżultaw li ma kienux korretti jew veri kif permessi fir-regolamenti magħmula taħt regoli nazzjonali, ukoll jekk dan ifisser li nitlef l-għajnuna mogħtija taħt skemi lokali jew komunitarji inkwestjoni.
- Nifhem id–dispożizzjonijiet, il-pieni u s-sanzjonijiet amministrattivi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għajnuna komunitarja fis-settur agrikolu kif imnizzel fir-Reg. (KE) Nru 796/200 tal-21 t'April 2004 u kull emenda li tigi warajha.
- L-irqajja' ta' l-art li qiegħed/qiegħda napplika għall-għajnuna għalihom skond ir-Reg. (KE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 kienu użuħ maħduma nhar il-31 ta' Dicembru 2001.
- Nagħraf u naf xi jfissru id–dispożizzjonijiet magħmula taħt ir-Reg. (KE) Nru 1973/2004 tad-29 t'Ottubru 2004.
- Nagħraf u naf xi jfissru ir-regoli mnizzla fl-Artikli 3, 4 u 29 tar-Reg. (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003.
- Ħadt inkonsiderazzjoni il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li jirregolaw l-għajnuna għal meddiet ta' art.
- Nagħraf u naf xi tfisser li fil-każ li jiġi kkonfermat li d-dikjarazzjoni tiegħi ma tkunx koretta jew fil-każ li ma nirrispettax l-obligi tiegħi, ħlief f'każ ta' forza maġġuri, jiġu applikati l-miżuri skond il-liġi ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti ta' Malta.
- L-Awtorita' kompetenti jew ir-rappreżentanti tagħha għandu jkollhom aċċess mingħajr xkiel u mingħajr limitu f'kull ħin għar-raba' tiegħi bl-iskop li jsiru kontrolli fuq il-post skond kif rikjest sabiex issir l-awtorizzazzjoni tal-pagament.
- **Qiegħed/qiegħda naħdem l-użuħ.**
- **Fil-każ ta' Ħitan tas-Sejjieħ, Awtoktoni, Biedja Organika, u Żoni Żvantaġġati napplika il-Metodi ta' Biedja Għaqlija f'konformita' tar-regoli u r-regolamenti ta' l-UE u dawk nazzjonali.**
- Nagħraf u nifhem xi jfissru dawn ir-regolamenti:
  - Nru 2200/1996, Nru 2201/1996, Nru 2202/1996, Nru 2366/1998, Nru 1251/1999, Nru 1257/99, Nru 1493/1999, Nru 495/2001, Nru 1535/2003, Nru 1782/2003, Nru 1783/2003, Nru 2111/2003, Nru 583/2004, Nru 795/2004, Nru 796/2004, Nru 817/2004, Nru 864/2004, Nru 1973/2004 u Nru 1974/2004.

Fil-każ ta' użuħ li jistgħu jinħadmu, niddikjara li:

- Ir-raba' tiegħi fih 0.1 ta' ettaru jew iżjed, li jagħmilni eliġibbli għall-għajnuna għal użuħ tar-raba' li jistgħu jinħadmu.

Fil-każ ta' Ċitru għall-Ipproċessar, niddikjara li:

- Il-prodott jirrispetta ir-Reg. (KE) Nru 2111/03, u ser jiġi proċessat fil-prodotti msemmija fir-Reg. (KE) Nru 2202/96.

Fil-każ ta' Ħitan tas-Sejjieħ, Awtoktoni u Biedja Organika, niddikjara li:

- Nwettaq l-obbligi u l-kundizzjonijiet kollha mnizzla fil-**Linji Gwida għall-Mizuri Agro-Ambjentali** għal perjodu ta' ħames snin.
- Min ser jibbenifika mill-għajnuna, jew terzi persuni li lilhom tiġi ċeduta l-ħidma ta' l-art, jintrabat li jħares l-obbligi agro-ambjentali għal perjodu ta' ħames snin.

Fil-każ ta' Ħitan tas-Sejjieħ, niddikjara li:

- Min ser jibbenifika mill-għajnuna, jew terzi persuni li lilhom tiġi ċeduta l-ħidma ta' l-art, għandu jħares il-Ħitan tas-Sejjieħ għal perijodu ta' 25 sena.

Fil-każ ta' Tħawwil ta' Dwieli u Ristrutturar ta' Dwieli, niddikjara li:

- Ser inħawwel id-dwieli jew nirristruttura id-dwieli fi zmien sentejn mid-data ta' l-awtorizzazzjoni mis-Sezzjoni tal-Vitikultura u Enoloġija.
- Min ser jibbenifika mill-għajnuna, jew terzi persuni li lilhom tiġi ċeduta l-ħidma ta' l-art, irid jintrabat li jzomm l-art bid-Dwieli għall-inqas għal 10 snin u jintrabat li jħares l-obbligi l-oħra li huma mehmuza ma' din l-applikazzjoni.

Fil-każ ta' Żoni Żvantaġġati, niddikjara li:

- Min ser jibbenifika mill-għajnuna, jew terzi persuni li lilhom tiġi ċeduta l-ħidma ta' l-art, ser jimpenja ruħu li jibqa' jaħdem ir-raba' għal perijodu ta' ħames snin mid-data ta' l-ewwel għotja ta' għajnuna.

B'referenza għall-mizura *Ad Hoc* għall-bdiewa full-time, niddikjara li jien reġistrat/a mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (ETC) bħala full-time farmer. Għal dawk l-għelieqi kollha dikjarati bħala saqwi, nikkonferma li hemm sors ta' ilma s-sena kollha li ġej minn:

- Spiera jew borehole (b'indikazzjoni jekk reġistrata u liċenzjata, reġistrata biss jew la reġistrata u lanqas liċenzjata) jew nixxiegħa/għajn li jiprovdu ilma s-sena kollha
- Jew ġibjun li jesa' mill-anqas 200,000 gallun jew 1189.2 yardi kubi jew 909,200 litri jew 909.2 metri kubi għal **kull tomna** ta' art dikjarata

- b'pipeline fiss/permanenti minn wieħed minn dawn is-sorsi.

Għall-Applikazzjoni kollha:

Niddikkjara li:

- ☐ Ma ppreżentajtx applikazzjoni oħra għall-għajnuna għall-użuħ; jew
- ☐ Diġa żrajt ir-raba' li applikajt għall-għajnuna għalih; jew
- ☐ Diġa żrajt ir-raba' li applikajt għall-għajnuna għalih, barra dak li hemm il-ħsieb li jiġi żrat fir-rebbiegħa, li għalih qiegħed nippreżenta l-intenzjoni tiegħi li niżra' u li nintrabat li niżra';
- ☐ Nikkonsenja l-għelejjel kollha ta' frott u tadam li jkunu intenzjonati għall-iproċessar, liema għelejjel jkunu marbuta b'kuntratt;

Qiegħed/Qiegħda nehmeż:

- ☐ kopja ta' l-ID jew kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT
- ☐ kopja tas-sħubija tiegħi f'għaqda ta' produttur jew f'Koperattiva Maltija <_____>.

R – Firma

<Isem u Kunjom>	< Isem u Kunjom ta' l-Uffiċċjal> f'isem l-IACS
Data	Data

Code u *sub-code* tal-FSSO:

Numru totali ta' folji ta' karti annessi:

Numru tas-Sistema għall-Applikazzjoni:

Data meta nbdiet l-Applikazzjoni:

Kull għajnuna li tingħata permezz ta' din l-applikazzjoni jew permezz ta' xi applikazzjoni oħra relattiva ma tfissirx li qed tagħti xi titolu jew dritt fuq l-art li fuqha qed tintalab l-għajnuna, u ma tneħħix l-obbligu li l-applikant jista' jkollu lejn xi liġi oħra.

Ministeru għall-Affarjiet Rurali u l-Ambjent

Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll

Aġenzija għall-Pagamenti
MINISTERU GHALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT
MALTA

Applikazzjoni Uffiċjali

A – Applikazzjoni

Dettalji ta' l-Applikazzjoni

Nru ta' l-FRC: **ZBR 1234**

- ☐ Applikazzjoni Inizjali
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 15 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 19 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 22 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 68 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 72 tar-Reg. (KE) Nru 796/04
- ☐ Applikazzjoni emendata b'referenza għal Art. 74 tar-Reg. (KE) Nru 796/04

Numru ta' l-Applikazzjoni: 1234567M-01-01-2005

Numru ta' l-Applikazzjoni Modifikata:

Produttivita' tal-wiċċ tar-raba'

- ☐ Qasam li jkollu uċuh li jipproduċu ≥ 92 tunnellata (b'referenza għal Art. 6 tar-Reg. (EC) Nru 1251/99)
- ☐ Qasam li jkollu uċuh li jipproduċu < 92 tunnellata (b'referenza għal Art. 6 tar-Reg. (EC) Nru 1251/99)

B – L-Applikant/a

Dettalji ta' l-Applikant/a

Isem Legali Sħiħ	Numru ta' l-ID:
Indirizz	Numru tal-VAT:
	Numru ta' l-FRC:
	Numru tat-Telefon:

Dettalji tar-Rappreżentant Ġudizzjali

Isem	Numru ta' l-ID:
Indirizz	Numru tal-VAT:
	Numru tat-Telefon:

C – Skemi eleġibbli għal Ħlas Dirett

C1 – Għajnuna għall-art li tinħadem

Użu	Kobor f'ettari

C2 – Patata

Użu	Kobor f'ettari

C3 – Taħwil ta' Dwieli

Użu	Kobor f'ettari

C4 – Ristrutturar ta' Dwieli	
Użu	Kobor f'ettari
C5 – Għajnuna addizzjonali għad-Dwieli	
Użu	Kobor f'ettari
C6 – Ħitan tas-Sejjieħ ta' Lqugħ	
Użu	Kobor f'ettari
C7 – Awtoktoni	
Użu	Kobor f'ettari
C8 – Biedja Organika	
Użu	Kobor f'ettari
C9 – Żoni Żvantaġġati	
Użu	Kobor f'ettari

D – Skemi mhux eleġibbli għal Ħlas Dirett	
D1 – Għajnuna għall-art li tinħadem	
Użu	Kobor f'ettari
D2 – Frott u Ħxejjex għall-Produzzjoni	
Użu	Kobor f'ettari
D3 – Frott u Tadam għall-ipproċessar	
Użu	Kobor f'ettari
D5 – Żebbuġ	
Użu	Kobor f'ettari

E – Użi Oħrajn	
Użu	Kobor f'ettari

F – Kejl totali tal-Wiċċ tar-Raba'

Q – Dikjarazzjoni

Jiena, **JOHN BORG**, hawn taħt iffirmat/a, qiegħed/qiegħda napplika għall-għajnuna għall-użuh indikati fl-applikazzjoni t'hawn fuq, fuq il-bażi tad-direttivi, liġijiet u regolamenti Nazzjonali u tal-Komunita'.

Għal dan il-għan jiena nassumi r-responsabbilta' u niddikkjara li jiena:

- Nagħraf li hemm pieni u sanzjonijiet li jiġu applikati f'każ li fl-applikazzjoni tiegħi ikun hemm dikjarazzjonijiet li jirriżultaw li ma kienux korretti jew veri kif permessi fir-regolamenti magħmula taħt regoli nazzjonali, ukoll jekk dan ifisser li nitlef l-għajnuna mogħtija taħt skemi lokali jew komunitarji inkwestjoni.
- Nifhem id–dispożizzjonijiet, il-pieni u s-sanzjonijiet amministrattivi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għajnuna komunitarja fis-settur agrikolu kif imnizzel fir-Reg. (KE) Nru 796/200 tal-21 t'April 2004 u kull emenda li tigi warajha.
- L-irqajja' ta' l-art li qiegħed/qiegħda napplika għall-għajnuna għalihom skond ir-Reg. (KE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 kienu użuh maħduma nhar il-31 ta' Dicembru 2001.
- Nagħraf u naf xi jfissru id–dispożizzjonijiet magħmula taħt ir-Reg. (KE) Nru 1973/2004 tad-29 t'Ottubru 2004.
- Nagħraf u naf xi jfissru ir-regoli mnizzla fl-Artikli 3, 4 u 29 tar-Reg. (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003.
- Ħadt inkonsiderazzjoni il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li jirregolaw l-għajnuna għal meddiet ta' art.
- Nagħraf u naf xi tfisser li fil-każ li jiġi kkonfermat li d-dikjarazzjoni tiegħi ma tkunx koretta jew fil-każ li ma nirrispettax l-obligi tiegħi, ħlief f'każ ta' forza maġġuri, jiġu applikati l-miżuri skond il-liġi ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti ta' Malta.
- L-Awtorita' kompetenti jew ir-rappreżentanti tagħha għandu jkollhom aċċess mingħajr xkiel u mingħajr limitu f'kull ħin għar-raba' tiegħi bl-iskop li jsiru kontrolli fuq il-post skond kif rikjest sabiex issir l-awtorizzazzjoni tal-pagament.
- **Qiegħed/qiegħda naħdem l-użuh.**
- **Fil-każ ta' Ħitan tas-Sejjieħ, Awtoktoni, Biedja Organika, u Żoni Żvantaġġati napplika il-Metodi ta' Biedja Għaqlija f'konformita' tar-regoli u r-regolamenti ta' l-UE u dawk nazzjonali.**
- Nagħraf u nifhem xi jfissru dawn ir-regolamenti:
  - Nru 2200/1996, Nru 2201/1996, Nru 2202/1996, Nru 2366/1998, Nru 1251/1999, Nru 1257/99, Nru 1493/1999, Nru 495/2001, Nru 1535/2003, Nru 1782/2003, Nru 1783/2003, Nru 2111/2003, Nru 583/2004, Nru 795/2004, Nru 796/2004, Nru 817/2004, Nru 864/2004, Nru 1973/2004 u Nru 1974/2004.

Fil-każ ta' użuh li jistgħu jinħadmu, niddikjara li:

- Ir-raba' tiegħi fih 0.1 ta' ettaru jew iżjed, li jagħmilni eliġibbli għall-għajnuna għal użuh tar-raba' li jistgħu jinħadmu.

Fil-każ ta' Ċitru għall-Ipproċessar, niddikjara li:

- Il-prodott jirrispetta ir-Reg. (KE) Nru 2111/03, u ser jiġi pproċessat fil-prodotti msemmija fir-Reg. (KE) Nru 2202/96.

Fil-każ ta' Ħitan tas-Sejjieħ, Awtoktoni u Biedja Organika, niddikjara li:

- Nwettaq l-obbligi u l-kundizzjonijiet kollha mnizzla fil-**Linji Gwida għall-Mizuri Agro-Ambjentali** għal perjodu ta' ħames snin.
- Min ser jibbenifika mill-għajnuna, jew terzi persuni li lilhom tiġi ċeduta l-ħidma ta' l-art, jintrabat li jħares l-obbligi agro-ambjentali għal perjodu ta' ħames snin.

Fil-każ ta' Ħitan tas-Sejjieħ, niddikjara li:

- Min ser jibbenifika mill-għajnuna, jew terzi persuni li lilhom tiġi ċeduta l-ħidma ta' l-art, għandu jħares il-Ħitan tas-Sejjieħ għal perijodu ta' 25 sena.

Fil-każ ta' Tħawwil ta' Dwieli u Ristrutturar ta' Dwieli, niddikjara li:

- Ser inħawwel id-dwieli jew nirristruttura id-dwieli fi zmien sentejn mid-data ta' l-awtorizzazzjoni mis-Sezzjoni tal-Vitikultura u Enoloġija.
- Min ser jibbenifika mill-għajnuna, jew terzi persuni li lilhom tiġi ċeduta l-ħidma ta' l-art, irid jintrabat li jzomm l-art bid-Dwieli għall-inqas għal 10 snin u jintrabat li jħares l-obbligi l-oħra li huma mehmuza ma' din l-applikazzjoni.

Fil-każ ta' Żoni Żvantaġġati, niddikjara li:

- Min ser jibbenifika mill-għajnuna, jew terzi persuni li lilhom tiġi ċeduta l-ħidma ta' l-art, ser jimpenja ruħu li jibqa' jaħdem ir-raba' għal perijodu ta' ħames snin mid-data ta' l-ewwel għotja ta' għajnuna.

B'referenza għall-mizura *Ad Hoc* għall-bdiewa full-time, niddikjara li jien reġistrat/a mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (ETC) bħala full-time farmer. Għal dawk l-għelieqi kollha dikjarati bħala saqwi, nikkonferma li hemm sors ta' ilma s-sena kollha li ġej minn:

- Spiera jew borehole (b'indikazzjoni jekk reġistrata u liċenzjata, reġistrata biss jew la reġistrata u lanqas liċenzjata) jew nixxiegħa/għajn li jiprovdu ilma s-sena kollha
- Jew ġibjun li jesa' mill-anqas 200,000 gallun jew 1189.2 yardi kubi jew 909,200 litri jew 909.2 metri kubi għal **kull tomna** ta' art dikjarata

- b'pipeline fiss/permanenti minn wieħed minn dawn is-sorsi.

Għall-Applikazzjoni kollha:

Niddikkjara li:

- ☐ Ma ppreżentajtx applikazzjoni oħra għall-għajnuna għall-użuħ; jew
- ☐ Diġa żrajt ir-raba' li applikajt għall-għajnuna għalih; jew
- ☐ Diġa żrajt ir-raba' li applikajt għall-għajnuna għalih, barra dak li hemm il-ħsieb li jiġi żrat fir-rebbiegħa, li għalih qiegħed nippreżenta l-intenzjoni tiegħi li niżra' u li nintrabat li niżra';
- ☐ Nikkonsenja l-għelejjel kollha ta' frott u tadam li jkunu intenzjonati għall-iproċessar, liema għelejjel jkunu marbuta b'kuntratt;

Qiegħed/Qiegħda nehmeż:

- ☐ kopja ta' l-ID jew kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT
- ☐ kopja tas-sħubija tiegħi f'għaqda ta' produttur jew f'Koperattiva Maltija <_____>.

R – Firma

<Isem u Kunjom>	< Isem u Kunjom ta' l-Uffiċċjal> f'isem l-IACS
Data	Data

Code u *sub-code* tal-FSSO:

Numru totali ta' folji ta' karti annessi:

Numru tas-Sistema għall-Applikazzjoni:

Data meta nbdiet l-Applikazzjoni:

Kull għajnuna li tingħata permezz ta' din l-applikazzjoni jew permezz ta' xi applikazzjoni oħra relattiva ma tfissirx li qed tagħti xi titolu jew dritt fuq l-art li fuqha qed tintalab l-għajnuna, u ma tneħħix l-obbligu li l-applikant jista' jkollu lejn xi liġi oħra.

NOTI TA' TIFSIR GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA' L-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-GĦAJNUNA LI GĦANDHA X'TAQSAM MA' L-ART

SENA 2005/06

INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA GĦALL-ISKEMA TA' GĦAJNUNA LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' L-ART

Din il-parti tapplika għall-applikazzjonijiet KOLLHA (l-iskemi kollha ta' għajnuna)

Għal kull biċċa art li jikkikjara l-bidwi, in-***numru ta' riferenza*** ta' dik il-biċċa art irid jiġi speċifikat. In-numru ta' riferenza huwa dak in-numru li jidher fuq iċ-ċertifikat ta' l-IACS li jingħata lill-bidwi għal kull biċċa art agrikola reġistrata.

Għal kull biċċa art, il-parti tal-wiċċ li hija ***użata*** (jiġifieri dik li tkun qegħda tinħadem tassew) għandha tiġi dikjarata. Dan ifisser illi jekk il-biċċa art ikun fiha 0.1 ettaru, li minnha hemm 50% biss miżrugħa qamħ, il-parti użata ta' dak il-wiċċ hija ta' 0.05 ettaru (meta l-bidwi jiddikjara il-wiċċ użat għall-qamħ).

L-applikant jista' jagħżel li jirreġistra l-uċuħ bil-mod l-antik jiġifieri "Tomna-Siegħ-Kejla" jew inkella bil-mod metriku jiġifieri bl-ettari. Biss, il-pagamenti għall-għajnuna għal kull applikazzjoni jiġu espressi bħala ettari sa żewġ postijiet wara l-punt deċimali skond l-Artiklu 6 (1b), tar-Regolament (KE) Nru 2419/2001.

It-***tip ta' prodott*** li jkun imkabbar fuq kull biċċa art irid jiġi speċifikat. Il-bidwi huwa meħtieg li jiddikjara r-raba' killu li għandu fuq il-qasam tiegħu. Jekk dan ma jsirx, l-applikazzjoni tigi suggetta għal tnaqqis ta' massimu ta' 3% ta' l-għajnuna dovuta lill-bidwi, skond kif imniżżel fir-Regolament (KE) Nru 796/04.

Għal kull biċċa art dikjarata, il-bidwi jrid jispeċifika jekk din il-biċċa art hix użata biss biex jikkultiva dak il-prodott partikolari li jkun dikjarat (***Speċjalizzata***), jew inkella jekk humiex qegħdin jitkabbru fl-istess ħin żewġ prodotti jew iktar fuq dik il-biċċa art (***Imħallat***). Dan kif inhu mniżżel fl-Artiklu 51 tar-Reg. (KE) Nru 1782/03 (kif emendat bir-Reg. (KE) Nru 864/04) li jgħid li: *'bidwi jista' juża l-biċċiet ta' art dikjarati skond l-Artiklu 44(3)* (ta' l-istess Regolament, jigifieri għall-art li tinħadem) *għal kull attivita' agrikola ħlief għal 1) prodotti/ħxejjex permanenti (bħal sigar)… 2) tadam għall-iproċessar u 3) patata.'*

SKEMI TA' GĦAJNUNA

GĦAJNUNA FUQ QMUĦ, ĊEREALI U MAGĦLEF IEĦOR

Il-miżuri taħt din l-iskema huma dawn li gejjin:

- Qamħ, Qamħirrum u Ħxejjex oħra
- Raba' mistrieħ għall-magħlef
- Raba' għall-magħlef

Il-livell ta' għajnuna għall-"Qamħ, Qamħirrum u Ħxejjex oħra" u għar-"Raba' mistrieħ għall-magħlef" bħalissa hija ta' madwar €127.26 kull ettaru (madwar Lm55/ettaru), pero' għas-sena 2005, jigi mħallas 30% minn dan l-ammont. L-ammont ta' ħxejjex bħall-qamħ u l-qamħirrum li hu eligibbli għal ħlas (*reference yield*) kien iffissat għal 2.02 tunnellati kull ettaru mill-UE.

Biex bidwi jkun eliġibbli għal dawn l-għajnuniet;

- Qamħ, Qamħirrum u Ħxejjex oħra
- Raba' mistrieħ għall-magħlef
- Raba' għall-magħlef

irid jiddikjara li l-qasam tiegħu fih 0.11 ettari (tomna) jew iktar. It-tip ta' ħxejjex li jistgħu jiġu dikjarati taħt l-użi msemmija hawn fuq, jidhru fl-**Anness 1**.

Bdiewa li japplikaw għall-għajnuna fuq xi waħda mill-użi msemmija hawn fuq ma humiex eliġibbli għall-ħlasijiet għaċ-ċanga u l-vitella fuq **l-istess** art.

Bdiewa/raħħala li joqtlu aktar minn 15 L.U. (livestock units) kull sena, u li għandhom aktar minn 31 tomna raba' għall-magħlef, ma humiex intitolati għall-għajnuna fuq "Qamħ, Qamħirrum u Ħxejjex oħra" u "Raba' mistrieħ għall-magħlef".

TADAM GĦALL-IPPROĊESSAR

Bdiewa li jiddikjaraw li għandhom **tadam għall-ipproċessar** iridu juru l-kuntratt/i li jkunu għamlu mal-proċessur/i tat-tadam. Dan il-kuntratt għandu jiġi ppreżentat sal-15 ta' Marzu kif imniżżel fir-Reg. (KE) Nru 449/01. Id-data għaż-żrigħ għat-tadam għall-ipproċessar hija t-30 ta' Ġunju.

PATATA

L-għajnuna fuq il-patata hija ta' €220/ettaru, bil-medda ta' produzzjoni applikabbli ta' 1,800 ettaru. Din l-għajnuna tiġi mħallsa mill-fondi Nazzjonali.

Meta issir applikazzjoni għall-patata, trid tiġi ppreżentata **l-irċevuta tax-xiri taż-żerriegħa**.

ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

L-għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa hija ta' madwar €132.5 għal kull 100 kilo' (Lm53/100 kilo') ta' żejt taż-żebbuġa. Il-kwantita' nazzjonali garantita ta' żejt taż-żebbuġa għal Malta hija ta' 150 tunnellata fis-sena.

Bdiewa li jiddikjaraw l-uċuħ użati għall-produzzjoni taż-żebbuġ iridu jispeċifikaw ***l-ispazju bejn siġra u oħra fl-istess ringiela***, kif ukoll ***l-ispazju bejn indana u oħra***. Biex isir il-kejl jistgħu jintużaw kemm metri kif ukoll piedi. Il-bidwi jrid ukoll jispeċifika jekk iż-żebbuġ hux iddestinat għall-mejda jew inkella għall-għasir.

Barra dan, is-sena li fiha jkunu tħawlu s-siġar taż-żebbuġ trid tiġi dikjarata. Jekk żdiedu s-siġar fil-qasam jew jekk tħawlu xi siġar flok dawk li kien hemm, l-***għadd ta' siġar ġodda*** għandu jiġi dikjarat flimkien ***mas-sena*** li fiha jkun sar it-taħwil il-ġdid. Siġar imħawla wara s-sena 2001 m'humiex eliġibbli għall-għajnuna. Il-varjetajiet taż-żebbuġ huma mniżżla fl-Anness 4.

Jekk il-bidwi qed iħawwel, jew għandu l-intenzjoni li jħawwel is-siġar taż-żebbuġ, għandu jintrabat li jagħmel ix-xogħol kollu dikjarat fl-applikazzjoni tiegħu fi żmien sentejn mid-data ta' l-applikazzjoni għall-għajnuna. Barra minn hekk trid tiġi ppreżentata l-Iskema ta' Xogħlijiet (Business Plan of the Farm). Jekk il-bidwi jkun qiegħed japplika għall-ħlas minn qabel irid jipprovdi dokument li juri l-istima ta' l-ispejjeż.

DWIELI

L-"użi" għad-dwieli huma dawn:

- Taħwil tad-dwieli
- Tilqim mill-ġdid tad-dwieli
- Bdil tas-sistema tax-xeblik } Ristrutturar
- Taħwil mill-ġdid tad-dwieli
- Għajnuna addizzjonali għad-dwieli

Meta issir dikjarazzjoni ta' l-uċuħ għad-dwieli trid tingħata attenzjoni għal qies eżatt tal-wiċċ għad-dwieli, peress li żball fil-qies jista' jirriżulta f'penali.

Kull vinja (għalqa dwieli) tiġi mogħtija numru progressiv, biex wieħed jagħraf bejn vinja u oħra.

Il-bidwi irid jispeċifika ukoll liema minn dawn is-***sistemi ta' xeblik*** qiegħed juża għal kull għalqa tad-dwieli.

- *Bush*
- *Cordone*
- *Free*
- *Guyot*
- Oħrajn

L-applikant irid juri b'mod ċar jekk kull għalqa tad-dwieli hix użata għall-produzzjoni ta' *inbid tal-mejda*, għall-produzzjoni ta' *nbid ta' kwalita' li oriġina minn reġjun partikolari* jew għall-produzzjoni ta' *nbid b'indikaturi ġeografiċi*. Barra minn din l-informazzjoni, il-bidwi jrid jiddikjara *l-għadd (in-numru) ta' dwieli* f' kull għalqa, *l-ispazju bejn dielja u oħra (fl-istess ringiela)* u l-*ispazju bejn ir-ringieli*. Għall-iskop ta' dan il-kejl jistgħu jiġu ppreżentati kemm metri kif ukoll piedi. Il-varjetajiet tad-dwieli eliġibbli għall-għajnuna huma mniżżla fl-**Anness 5**.

TAĦWIL TAD-DWIELI

L-għajnuna għat-Taħwil ta' Dwieli tilħaq massimu ta' Lm480 kull tomna. Din il-figura trid tkun ta' mhux aktar minn 75% ta' l-ispejjeż li jkunu saru.

Malta ġiet mogħtija drittijiet ġodda għat-taħwil tad-dwieli għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalita' (psr) sa total ta' 1000 ettaru ta' taħwil ta' dwieli. Bħalissa l-ammont ta' l-uċuħ għal dan il-għan huma 480 ettaru, għalhekk jonqos li jitħawlu 520 ettaru ta' taħwil ġdid. Dan jista' jsir mhux iktar tard mis-sena ta' l-inbid 2005/2006.

Bdiewa li japplikaw għat-"taħwil tad-dwieli", għandhom jippreżentaw l-Iskema ta' Xogħlijiet (Business Plan of the Farm) flimkien ma' kopja tad-Dikjarazzjoni għall-Ħsad ta' l-Għeneb għas-sena ta' qabel.

Il-bidwi għandu jintrabat ukoll li jagħmel ix-xogħol kollu dikjarat fl-applikazzjoni tiegħu fi żmien sentejn mid-data ta' l-applikazzjoni għall-għajnuna.

F'każi li fihom il-bidwi jkun qiegħed japplika għal ħlasijiet bil-quddiem (jiġifieri ħlasijiet għall-għajnuna mħallsa qabel ma l-ispiża fil-fatt tkun saret) għandu jippreżenta kemm dokument li juri l-istima ta' l-ispejjeż tax-xogħol li jkun se jsir, kif ukoll il-garanzija tal-ħlas.

Bdiewa li japplikaw għall-għajnuniet t'hawn fuq għandu jkollhom għelieqi li l-wiċċ tagħhom jkun ikbar

minn 0.11 ettaru (tomna) għal kull applikazzjoni li ssir. Jiġifieri, għat-taħwil tad-dwieli il-wiċċ eliġibbli għandu ikun ta' 0.11 ettaru jew iktar.

RISTRUTTURAR
(Tilqim mill-ġdid; Bdil fis-sistema tax-xeblik, taħwil mill-ġdid)

L-ogħla ammont ta' ħlas għall-għajnuna għall-istrutturar jigi determinat/approvat minn Brussell fuq bażi ta' sena. Barra minn hekk, l-ammont ma jistax jaqbeż il-75% ta' l-ispejjeż li jkunu saru.

Bdiewa li japplikaw għar-ristrutturar jiġifieri "tilqim mill-ġdid tad-dwieli", "bdil fis-sistema tax-xeblik" jew "taħwil mill-ġdid tad-dwieli" għandhom jippreżentaw l-Iskema ta' Xogħlijiet (Business Plan of the Farm) flimkien mad-Dikjarazzjoni tal-Ħsad ta' l-Għeneb tas-sena ta' qabel.

Il-bidwi għandu jintrabat ukoll li jagħmel ix-xogħol kollu dikjarat fl-applikazzjoni tiegħu fi żmien sentejn mid-data ta' l-awtorizzazzjoni maħruga mit-Taqsima tal-Vitikultura.

F'każi fejn il-bidwi jkun qiegħed japplika għall-ħlas bil-quddiem, għandu jippreżenta dokument li juri l-istima ta' l-ispejjeż li jkun se jagħmel flimkien ma' garanzija.

L-inqas ammont ta' raba' li jista jiġi użat għat-taħwil tad-dwieli jgħodd ukoll għall-applikazzjonijiet għar-ristrutturar tad-dwieli. Jiġifieri li l-ammont lokali ta' l-art eliġibbli għal applikazzjoni bħal din (jiġifieri l-ammont lokali ta' l-art biex isir it-tilqim mill-ġdid, bdil tas-sistema tax-xeblik u taħwil mill-ġdid ta' dwieli) għandu jkun ta 0.11 ettaru jew iktar.

GĦAJNUNA ADDIZZJONALI GĦAD-DWIELI

Bħalissa l-ammont ta' għajnuna addizzjonali għad-dwieli huwa ta' Lm38.50 kull tomna.

F'każi fejn issir applikazzjoni għall-għajnuna addizzjonali, l-applikant jinħtieġlu jippreżenta kopja tad-Dikjarazzjoni tal-Ħsad ta' l-Għeneb tas-sena ta' qabel.

Biex applikant ikun eliġibbli għall-għajnuna addizzjonali għad-dwieli, l-oqsma dikjarati minn din l-għajnuna jridu jaqbżu l-0.056 ta' ettaru (nofs tomna).

ĦITAN TAS-SEJJIEĦ TA' LQUGĦ

L-"użu" għall-"ħitan tas-sejjieħ" huma dawn li ġejjin:

- Ħitan għall-ilqugħ
- Ħitan oħra

It-tipi ta' ħitan li jaqgħu taħt dawn l-użi huma mniżżla fl-**Anness 6**.

L-għajnuna għar-restawr tal-Ħitan tas-Sejjieħ ta' Lqugħ jammonta għal €20 kull metru kwadru (Lm8/m^2).

Bdiewa li japplikaw għall-għajnuna biex isewwu ħitan tas-sejjieħ ta' lqugħ, huma mitluba li jiddikjaraw it-tul u l-għoli tal-ħitan tas-sejjieħ li jkollhom xi ħsara (f'metri jew piedi), it-tul u l-għoli tal-ħajt kollu u t-tul u l-għoli tal-parti li hemm il-ħsara li tkun intalbet għajnuna biex tissewwa.

Il-bidwi għandu wkoll jintrabat li jħares il-ħitan tas-sejjieħ li fuqhom qed jitlob l-għajnuna għal perjodu ta' 25 sena.

Meta jiġi japplika għall-għajnuna, il-bidwi għandu jippreżenta l-Pjan tat-Tmexxija (*Whole Farm Management Plan*). L-applikant għandu wkoll jirrispetta l-Linji Gwida, kif ukoll il-Metodi ta' Biedja Għaqlija kif imniżżla fil-Pjan ta' Żvilupp Rurali 2004-2006, f'konformita' mar-regolamenti ta' l-EU u dawk nazzjonali.

It-total tas-sliehi eliġibbli għall-għajnuna jrid jkun mhux inqas minn 10 metri kwadri fuq l-għelieqi kollha ta' l-applikant, u l-parti li tilqa' l-ħamrija trid tkun mhux inqas minn metru għolja.

L-applikant irid jispeċifika jekk l-applikazzjoni hix applikazzjoni inizjali jiġifieri tal-bidu, jew inkella Żieda ta' l-obbligi ta' l-applikazzjoni inizjali. Bdiewa li diġa applikaw għal din il-miżura s-sena li għaddiet għandhom iġeddu l-applikazzjoni tal-bidu, imma fil-Pjan tat-Tmexxija jridu jindikaw il-ħitan li jridu jżidu. F'każ li l-ammont ta' ħitan miżjuda din is-sena jaqbeż il-50% tal-ħitan fl-applikazzjoni ta' qabel, allura l-bidwi jrid bil-fors jibda applikazzjoni ġdida li tkun tinkludi l-impenn u l-obbligi kollha fuq il-ħitan tas-sena ta' qabel.

SPEĊI AWTOKTONI

L-ammont ta' għajnuna għall-ispeċi awtoktoni huwa ta' madwar €450 kull ettaru (LM180/ettaru).

Bdiewa li jiddikjaraw li għandhom uċuħ li jikbru fuqhom speċi awtoktoni għandhom jispeċifikaw in-numru ta' Siġar tal-Ballut (*Quercus Ilex*) li hemm fuq kull għalqa dikjarata.

Huma biss dawk l-applikanti li għandhom siġar tal-ballut f'dawn il-postijiet: Ta' Baldu (Wied Ħażrun), l-Imġiebaħ u Il-Ballut li huma eliġibbli għall-għajnuna.

Meta jiġi japplika għall-għajnuna, il-bidwi għandu jippreżenta l-Pjan tat-Tmexxija (*Whole Farm Management Plan*). L-applikant għandu wkoll jirrispetta l-Linji Gwida, kif ukoll il-Metodi ta' Biedja Għaqlija kif imniżżla fil-Pjan ta' Żvilupp Rurali 2004-2006, f'konformita' mar-regolamenti ta' l-EU u dawk nazzjonali.

BIEDJA ORGANIKA

L-ammont ta' għajnuna għal din l-iskema huwa ta' madwar €466.20 kull ettaru (madwar Lm 186.50 kull ettaru). Sabiex bidwi jkun eliġibbli biex japplika għall-għajnuna għall-biedja organika, il-wiċċ kollu li jkun dikjarat għal dan l-iskop għandu jkun ta' 0.11 ettaru jew iktar.

Meta jiġi japplika għall-għajnuna, il-bidwi għandu jippreżenta l-Pjan tat-Tmexxija għall-Biedja Organika. L-applikant għandu wkoll jirrispetta l-Linji Gwida, kif ukoll il-Metodi ta' Biedja Għaqlija kif imniżżla fil-Pjan ta' Żvilupp Rurali 2004-2006, f'konformita' mar-regolamenti ta' l-EU u dawk nazzjonali.

- Ikun meħtieġ ukoll li jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat maħruġ mill-Korp ta' Ċertifikazzjoni rikonoxxut mill-Awtorita' Kompetenti Maltija, li juri li l-prodotti mkabbra fuq l-uċuħ dikjarati huma tassew organiċi.

ŻONI ŻVANTAĠĠATI

L-ammont ta' għajnuna għal din l-iskema bħalissa hija ta' €250 kull ettaru (madwar Lm12 kull tomna). Biex bidwi ikun eliġibbli għall-għanjuna fuq żona żvantaġġata it-total ta' l-art dikjarata trid tkun ta' 0.11 ettaru (tomna) jew iktar.

Meta bidwi japplika għal żona żvantaġġata jrid jiddikjara li l-"Metodi ta' Biedja Għaqlija" maħruġa mid-Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali ġew applikati f'konformita' mar-regolamenti ta' l-UE u dawk nazzjonali.

UĊUĦ LI FUQHOM MHUX SER ISSIR TALBA GĦALL-GĦAJNUNA

Uċuħ li jinħadmu imma li fuqhom mhux ser tintalab l-ebda għajnuna għandhom jigu dikjarati bħala 'Użi Oħrajn'.

Uċuħ li ma jinħadmux għandhom jiġu dikjarati taħt l-Użu 'Art mhux agrikola' (Skema: Użi oħrajn).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days, as per the above mentioned clause, in this regard all tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

25th February, 2005

AWTORITÀ MALTIJA TAT-TURIŻMU

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Marzu, 2005 jintlaqgħu offerti magħluqin mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta għal:

Avviż Nru. MTA/106/2005. Provvista u tqegħid ta' finituri ta' l-art u *pre-cast units*.

Avviż Nru. MTA/107/2005. Provvista u twaħħil ta' poġġaman tal-metall.

Avviż Nru. MTA/108/2005. Xogħlijiet ta' tibjid u tibjid.

Avviż Nru. MTA/109/2005. Provvista u twaħħil ta' bankijiet.

Avviż Nru. MTA/110/2005. *Fittings* tad-dawl u stallazzjoni ta' l-elettriku.

Avviż Nru. MTA/111/2005. Pjanti.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta li jingħabar. Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jingħabru mill-Uffiċċju taċ-Chairman, Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta CMR 02.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku f'nofsinhar tal-Ġimgħa, il-11 ta' Marzu 2005 fl-Uffiċċju taċ-*Chairman*, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

L-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għandha d-dritt li tagħżel dik l-offerta li fil-fehma tagħha tirrapreżenta l-iżjed offerta vantaġġjuża għall-bżonnijiet ta' l-Awtorità.

Il-25 ta' Frar, 2005

MALTA TOURISM AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Malta Tourism Authority, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta by not later than noon of Friday, 11th March, 2005 for:

Advt. No. MTA/106/2005. Supply and laying of floor finishes and pre-cast units.

Advt. No. MTA/107/2005. Supply and fixing of metal railings.

Advt. No. MTA/108/2005. Painting and rendering works.

Advt. No. MTA/109/2005. Supply and fixing of benches.

Advt. No. MTA/110/2005. Light fittings and electrical installation.

Advt. No. MTA/111/2005. Plants.

A fee of Lm20 is payable upon collection of each of the relevant tender documents. Tender documents may be collected from The Chairman's Office, Malta Tourism Authority, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta CMR 02.

The tender documents will be opened in public on Friday, 11th March 2005 at noon in The Chairman's Office, Malta Tourism Authority.

The Malta Tourism Authority reserves the right to choose that offer which in its sole discretion represents the most advantageous tender for the needs of the Authority.

25th February, 2005

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1126. Provvista u konsenja ta' għamara ta' l-uffiċċju għall-Junior College, l-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.25 (inkluż l-VAT).

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kondizzjonijiet relativi u dokumenti oħra

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 16th March 2005, for:-

Advt. No. UM/1126. Supply and delivery of office furniture for the Junior College , University of Malta.

A document fee of Lm5.25 (inclusive of VAT) should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other

jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 316A, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office*, Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Marzu, 2005, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

Il-25 ta' Frar, 2005

documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 316A, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 16th March, 2005 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

25th February, 2005

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, is-17 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. E0096. *Sterile epidural flat filters.*
Kwot. Nru. E0097. *Sand paper rolls for dental lab.*
Kwot. Nru. E0098. *Cohesive light support bandages.*
Kwot. Nru. E0099. *Disposable drapes for infective cases size 100 x 100cm.*
Kwot. Nru. E0100. *Micro capped vials.*
Kwot. Nru. E0101. *Media and supplements for the isolation of pathogenic gram positive organism.*
Kwot. Nru. E0102. *Helicobacter pylori selective supplement.*
Kwot. Nru. E0103. *Reagent for bacterial serology.*
Kwot. Nru. E0104. *Bleeding time devices.*
Kwot. Nru. E0105. *Imuno link antibodies.*
Kwot. Nru. E0106. *Articulators.*
Kwot. Nru. E0107. *Whitening powder.*
Kwot. Nru. E0108. *Orthodontic NT power opening spring/medium.*
Kwot. Nru. E0109. *Disposable drapes for infective cases 50 x 50 cm.*
Kwot. Nru. E0110. *BSA suture G4/0 on 16mm curved cutter needle.*
Kwot. Nru. E0111. *Nasopharyngeal tube, size 7*
Kwot. Nru. E0112. *PDS GO 30mm.*

Il-kwotazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Aktar informazzjoni dwar il-kwantitajiet u kondizzjonijiet ta' dawn il-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Triq Clarence, Guardamangia, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-25 ta' Frar, 2005

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 9.00 a.m. of Thursday, 17th March, 2005, for:-

Quot. No. E0096. Sterile epidural flat filters.
Quot. No. E0097. Sand paper rolls for dental lab.
Quot. No. E0098. Cohesive light support bandages.
Quot. No. E0099. Disposable drapes for infective cases size 100 x 100cm.
Quot. No. E0100. Micro capped vials.
Quot. No. E0101. Media and supplements for the isolation of pathogenic gram positive organism.
Quot. No. E0102. Helicobacter pylori selective supplement.
Quot. No. E0103. Reagent for bacterial serology.
Quot. No. E0104. Bleeding time devices.
Quot. No. E0105. Imuno link antibodies.
Quot. No. E0106. Articulators.
Quot. No. E0107. Whitening powder.
Quot. No. E0108. Orthodontic NT power opening spring/medium.
Quot. No. E0109. Disposable drapes for infective cases 50 x 50 cm.
Quot. No. E0110. BSA suture G4/0 on 16mm curved cutter needle.
Quot. No. E0111. Nasopharyngeal tube, size 7
Quot. No. E0112. PDS GO 30mm.

All quotations listed above can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Further information regarding the quantities and conditions of these quotations may be obtained from the Government Pharmaceutical Services, Triq Clarence, Guardamangia, between 8.00 a.m. and noon.

25th February, 2005

STAMPERIJA TAL-GVERN

L-Aġent Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 3/2005. *Imagesetter Graphic Art Films.*

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

*Avviż Nru. 4/2005. Kiri ta' *Skips* u ġbir ta' skart.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-i*Store Procurement Section,* Stamperija tal-Gvern, 29A, Qasam Industrijali, il-Marsa, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-25 ta' Frar, 2005

GOVERNMENT PRINTING PRESS

The Acting Director, Government Printing Press, notifies that:–

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 4th March, 2005, for:–

Advt. No. 3/2005. Imagesetter Graphic Art Films.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 11th March, 2005, for:–

*Advt. No. 4/2005. Hire of Skips and collection of waste.

*Advertisement appearing for the first time

Forms of tender may be obtained from the Store Procurement Section, Government Printing Press, 29A, Industrial Estate, Marsa, during normal office hours.

25th February, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi sas-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, is-7 ta' Marzu, 2005, jilqa' offerti mingħand partijiet interessati għall-oġġetti li ġejjin:

Avviż. Nru. MCAST T. 02/05. Stampar tal-*prospectus* u *handbook* tal-MCAST 2005 – 2006.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-*Accounts,* MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt minn nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Frar, 2005 mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sa l-4.00 p.m.

Tagħrif ieħor jista' jinkiseb mill-Uffiċjal tal-Komunikazzjoni fuq 21806440.

L-offerti kollha jinfetħu fis-2.30 p.m. ta' nhar it-Tnejn, is-7 ta' Marzu, 2005.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jiffirjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

Il-25 ta' Frar, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that up to 2.00 p.m. of Monday, 7th March, 2005, receives offers from interested parties for the following items:

Advt. No. MCAST T. 02/05. Printing of the MCAST prospectus and handbook 2005 – 2006.

A fee of Lm10 is to be charged for every copy of tender document.

The tender document may be collected from the Accounts Department at MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from Wednesday, 23rd February, 2005 from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

Further information may be obtained from the Communications Officer on 21806440.

The tender documents will be opened on 2.30 p.m. of Monday, 7th March, 2005.

Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

25th February, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi qed iniedi sejħa għal espressjoni ta' interess għal produzzjoni oriġinali ta' *artwork,* tqassim u disinn għal materjal grafiku ta' l-MCAST biss lest għall-istampar (EXP 04/05).

Aktar informazzjoni/dokumentazzjoni jistgħu jinkisbu mill-Uffiċjal tal-Komunikazzjoni fuq Tel: 21 806440 jew wieħed jista jarahom fuq il-*website* tal-Kulleġġ minn nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Frar, 2005.

Proposti, inklużi profil tal-kumpannija u kampjun tax-xogħol, għandhom jintbagħtu f'envelop magħluq, mmarkat "EXP 04/05 Artwork Origination, layout and design" u indirizzati lill-Prinċipal, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa apposta mhux aktar tard mis-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, is-7 ta' Marzu, 2005.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

Il-25 ta' Frar, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is calling for expressions of interest for the artwork origination, layout and design only of MCAST graphic material ready for print (EXP 04/05).

Further information/documentation can be obtained from the Communications Officer on Tel: 21 806440 or viewed on the College website from Wednesday, 23rd February, 2005.

Proposals, including a company profile and a sample of work, are to be submitted in a sealed envelope, marked "EXP 04/05 Artwork Origination, layout and design" and addressed to the Principal, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. They should be deposited in the appropriate box, by not later than 2.00 p.m. of Monday, 7th March 2005.

Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantegeous.

25th February, 2005

KUNSILL LOKALI SWIEQI

Il-Kunsill Lokali Swieqi jgħarraf li:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-28 ta' Marzu 2005, f'kaxxa apposta mmarkata *"Tender Box"* jintlaqgħu offerti magħluqin u mmarkati b'ir-riferenza, għal:-

Avviż Nru. SLC 1/2005. Sinjali u marki tat-toroq.

Dokumenti relevanti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill bi ħlas ta' Lm10 minn nhar it-Tnejn it-28 ta' Frar, 2005 bejn it-8.00 a.m. u l-4.30 p.m.

L-offerti jiġu miftuħa minnufih wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-25 ta' Frar, 2005

SWIEQI LOCAL COUNCIL

The Swieqi Local Council notifies that:-

Sealed tenders marked with reference are to be submitted in an appropriate box marked "Tender Box" by not later than noon of Monday, 28th March, 2005, for:-

Advt. No. SLC 1/2005. Road signs and marks.

Relevant documents may be collected from Council's Administrative Office against a payment of Lm10 from Monday 28th February, 2005 from 8.00 a.m. to 4.30 p.m.

Offers will be opened in public immediately after closing time.

25th February, 2005

KUNSILL LOKALI GĦARB

Il-Kunsill Lokali Għarb jgħarraf li:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, is-7 ta' Marzu 2005, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 08-04/05. Provvista u ġarr sal-post ta' katusi tal-*U-PVC* sabiex jintużaw fi proġetti ta' mmaniġjar ta' l-ilma tax-xita li se jsiru fl-Għarb.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fuq ħlas ta' Lm10.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżattament wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-25 ta' Frar, 2005

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be submitted in the tender box at the Council's office by not later than noon of Monday, 7th March, 2005, for:-

Advt. No. 08-04/05. Supply and transportation to site of U-PVC pipes to be used in various storm water management projects to be carried out at Għarb.

Tender documents may be collected from the Local Council's Administrative Office against a payment of Lm10.

Offers will be opened in public exactly after closing time.

The Council reserves the right to refuse all offers even the most advantageous.

25th February, 2005

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Marzu, 2005, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista, twaħħil u stallazzjoni ta' lampi tad-dawl fis-Sit B, San Ġorġ.

Għandu jithallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke li jinsab fi Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-Kunsill Lokali Pembroke jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha, anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Il-25 ta' Frar, 2005

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. on Wednesday, 9th March 2005, for the supply, fixing and installation of external lighting at Site B, San Ġorġ.

A fee of Lm50 is to be paid for each copy of tender document.

Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq Alamein, Pembroke, during office hours. Tenders will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any tender or part there of, even the most advantageous.

25th February, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

356

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Otubru 2004, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1348⁄2004 fl-ismijiet Salvina Schembri pro et noe vs Teresa Debono et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Teresa Debono, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2004, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (Rikorrent) Salvina armla ta' Alfred Schembri (ID Numru 85340G) f'isimha proprju u għan-nom ta' l-assenti Michelina Borg u Joseph Vella, Pauline mart Amante Sant (ID Nru 25353G), Mary mart John Buttigieg (ID Nru 23944G), Rita mart Anthony Borg, Lucia mart James sive Jimmy Zammit (ID Nru 25956G) f'isimha propju u għan-nom ta' l-assenti Father Elia Vella u Grace mart Joseph Attard, Toni Vella (ID Nru 45059G), Giacinta mart Carmel Grech (ID Nru 22961G), Dolores sive Doreen mart Joseph Schembri (ID Nru 3866G) f'isimha propju u għan-nom ta' l-assenti Peter Vella kontra (Intimat) Teresa Debono (ID Nru 31463M) bint Spiro u Carmela neè Abela, imwielda Tas-Sliema, Angelo Vella (ID Nru 71451G) u Francis Vella (ID Nru 46057G) iben Coronato Vella u Frangiska Vella neè Grima. L-imsemmija Angelo Vella u Francis Vella huma t-tnejn ulied Coronato Vella u Cristina neè Grima mweldin in-Nadur, Għawdex, ir-rikorrenti Salvina armla ta' Alfred Schembri pro et noe, esponiet bil-qima u kkonfermat bil-ġurament;

Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet ta' l-esponenti;

Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimat milli;

Bi kwalsijasi mod u taħt kwalsijasi titolu jagħtu, jittrasferixxu jew jgħaddu lil terzi;

fir-rigward ta' l-intimata Teresa Debono xi sehem jew parti diviża jew indiviża tal-fond 74, San Blas Street, in-Nadur, Għawdex; u

fir-rigward ta' l-intimati Angelo Vella u Francis Vella aktar minn parti minn sittax (1⁄16) ta' l-istess fond 74, San Blas Street, in-Nadur, Għawdex; u dan peress illi;

(I) Illi r-rikorrenti kif ukoll l-intimati Angelo u Francis Vella u Carmen magħrufa bħala Theresa mart Louis Dimech (ID Nru 47448G) huma ulied Coronato Vella (Dok A) li miet fid-29 ta' Jannar 2004.

(II) Illi, l-imsemmi Coronato Vella kien għamel żewġ testmenti u cioè dak tad-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u wieħed u sebgħin (1971) in atti Nutar Dottor Giuseppi Cauchi li kopja tiegħu qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. TST 1 kif ukoll dak ta' l-erbgħa (4) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) in atti Nutar Dottor Edward Flores, li kopja tiegħu qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok TST 2.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 5th October 2004, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction Number 1348⁄2004 in the names Salvina Schembri pro e noe vs Teresa Debono, ordered the following publication for the purpose of service of Teresa Debono, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed on the 23rd July 2004, in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Salvina widow of Alfred Schembri (ID No. 85340G) in her own name and in the name of the absent Michelina Borg and Joseph Vella, Pauline wife of Amante Sant (ID No. 25353G), Mary wife of John Buttigieg (ID No. 23944G), Rita wife of Anthony Borg, Lucia wife of James sive Jimmy Zammit (ID No. 25956G) in her own name and on behalf of the absent Father Elia Vella and Grace wife of Joseph Attard, Toni Vella (ID No. 45059G), Giacinta wife of Carmel Grech (ID No. 22961G), Dolores sive Doreen wife of Joseph Schembri (ID No. 3866G) in her own name and in the name of the absent Peter Vella against (Respondent) Teresa Debono (ID No. 31463M) daughter of Spiro and Carmela neè Abela, born in Sliema, Angelo Vella (ID No. 71451G) and Francis Vella (ID No. 46057G) son of Coronato Vella and Frangiska Vella neè Grima. The said Angelo Vella and Francis Vella are both children of Coronato Vella and Cristina neè Grima born in Nadur, Gozo, the applicant Salvina widow of Alfred Schembri pro et noe, pleaded with respect and confirmed under oath;

That the applicant has an interest to safeguard her rights;

That the applicant in order to safeguard her rights, wishes to withhold the respondent from;

In any manner and under any title give, transfer or pass to third parties;

as regards the respondent Teresa Debono any share or divided or undivided part of premises 74, San Blas Street, Nadur Gozo; and

as regards the respondents Angelo Vella and Francis Vella more than one-sixteenth (1⁄16) of the same premises 74, San Blas Street, Nadur, Gozo; and this because;

(I) The applicant as well as the respondents Angelo and Francis Vella and Carmen known as Theresa wife of Louis Dimech (ID numbers 47448G) are the children of Coronato Vella (Doc A) who died on the 29th January 2004.

(II) That the said Coronato Vella had made two wills one on the nineteenth (19th) of January of the year one thousand nine hundred and seventy one (1971) in the records of Notary Dr Giuseppi Cauchi a copy of which is hereby exhibited and marked Doc TST 1 as well as of the fourth (4)th September of the year (2000) in the records of Notary Dr Edward Flores a copy of which is exhibited and marked Doc TST2.

(III) Illi, fl-aħħar testament tiegħu l-imsemmi Coronato Vella nnomina u istitwixxa eredi universali tiegħu lill-intimati bil-patt illi l-eredi universali istitwiti minnu f'dan l-artikolu jibqgħu jieħdu ħsiebu kif qed jagħmlu llum sad-data tal-mewt tiegħu.

(IV) Illi, effettivament din il-kundizzjoni ma seħħitx u ta' l-anqas matul l-aħħar sena u nofs qabel mewtu, l-intimati ma kinux qed jieħdu ħsieb lill-imsemmi Coronato Vella li kien qed jgħix kważi esklussivament Għawdex ma' wħud mir-rikorrenti u anke ma' l-imsemmija Carmen sive Theresa mart Louis Dimech u għalhekk l-imsemmija klawsola testamentarja ma avveratx ruħha u l-intimati qatt ma kienu eredi universali esklussivi ta' l-imsemmi Coronato Vella, kif imsemmi fit-testment Dok TST 2.

(V) Illi, effettivament fit-testment preċedenti tiegħu, l-imsemmi Coronato Vella ma kienx ipprovda dwar min huma l-eredi universali kif jirriżulta mid-dokument Dok TST 1 esebit u għalhekk skond is-suċċessjoni ab intestato l-eredi skond il-Liġi ta' l-imsemmi Coronato Vella huma r-rikorrenti flimkien ma' l-imsemmija intimati Angelo Vella u 'l fuq imsemmija Carmen magħrufa bħala Theresa mart Louis Dimech fi kwoti ta' parti minn sittax (1⁄16) kull wieħed u waħda mill-istess eredi.

(VI) Illi, fl-eredità jeżisti bħala immobbli l-fond 74, San Blas Street, in-Nadur, Għawdex, indikat bil-kulur blu fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dok D.

(VII) Illi, l-esponenti għandhom informazzjoni illi l-intimati, minkejja illi qatt ma avverrat ruħha l-klawsola tesatamentarja tat-testment ta' Settembru 2000, se jgħaddu biex jagħmlu l-kuntratt causa mortis u jħallsu t-taxxa bil-ħsieb li fi ftit jiem oħra jittrasferixxu dan l-immobbli lil terzi bħala eredi universali nominati bit-testament ta' l-4 ta' Settembru 2000, Dok TST 2.

(VIII) Illi, jekk isir dan l-esponenti se jsofru preġudizzju irrimedjabbli stante illi l-akkwirenti prospettivi jistgħu faċilment kienu in buona fede, jitħallew injari mill-operat abbusiv ta' l-intimati li bl-aġir tagħhom iċaħħdu lill-esponenti mid-drittijiet ereditarji tagħhom u għalhekk kellu jiġi ppreżentat dan ir-Rikors.

Illi l-esponent se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif jingħad.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżommu milli jkomplu jagħmel l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

Iffirmat Avukat Dominic A Cassar
Iffirmat Avukat Edgar Depasquale

Iffirmat Prokuratur Legali Davina Sullivan.

Illum 23 ta' Lulju 2004.

Intimata: Teresa Debono
76, St. Alphonse Street, Sliema. u

(III) That, in his last will the said Coronato Vella appointed and instated as his universal heirs the respondents on condition that universal instituted by him in this article continue to take care of him as they did till the date of his death.

(IV) That, effectively this condition did not take place and least during the last one and a half years before his death, the respondents did not take care of the said Coronato Vella who was almost living exclusively in Gozo, with some of the applicants, and even with the said Carmen sive Theresa wife of Louis Dimech and thus the said testamentary clause did not take place and the respondents were never exclusive universals heirs of the said Coronato Vella, as mentioned in the said will Doc TST 2.

(V) That, effectively in his preceding will, the said Coronato Vella did not provide as to his universal heirs as results from document TST 1 exhibited and thus according to the succession ab intestato the heirs according to Law of the said Coronato Vella, are the applicant together with the said respondent Angelo Vella and the said Carmen known as Theresa wife of Louis Dimech, in the quota of one out of sixteen (1⁄16) each one of the same heirs.

(VI) That, in the inheritance their exits as immovable the premises 74, San Blas Street, Nadur, Gozo, indicated by the colour blue, on the plan attached and marked Doc D.

(VII) That, the applicants have information that the respondents the testamentary clause of the will of September 2000 never materialized shall pass to make a contract causa mortis and pay tax with the intention to transfer within a few days the immovable to third parties as universal heirs appointed by a will of the 4th September 2000, Doc TST 2.

(VIII) That, if this happens the applicant shall suffer irremediable prejudice since the prospective acquirers could have easily been in good faith, be left unaware of the abusive workings of the respondents who by their actions deny the applicants of their hereditary rights and thus this application is being filed.

That the applicant shall be prejudiced if the respondent is not withheld as stated.

Thus the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of a warrant of Prohibitory Injunction to withhold him from carrying out the acts above mentioned.

Signed Advocate Dominic A Cassar
Signed Advocate Edgar Depasquale

Signed Legal Procurator Davina Sullivan

Today 23rd July 2004.

Respondent: Teresa Debono
76, St. Alphonse Street, Sliema and

.....Omissis.....

Eżekuzzjoni: Francis Vella
17, St. Paul's Street, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

.....Omissis.....

Execution: Francis Vella
17, St. Paul's Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts, today 21st February 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

357

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Mejju 2004, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni Nru 1067/03 GC, Sandro Scerri vs Simon Darmanin, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Sandro Scerri ppreżenta fis-16 ta' Ottubru 2003, Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Simon Darmanin, fejn talab il-konvenut in vista ta' dak premess għaliex m'għandhiex dina l-Qorti;

tiddikjara u tiddeċiedi illi kien Simon Darmanin unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi b'riżultat ta' l-inċident awtomobilistiku tat-3 ta' Diċembru 2001;

tiddikjara okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi li l-attur sofra diżabilità permanenti b'riżultat tal-ġrieħi gravi kkaġunati lilu fl-inċident in kwistjoni u tiddetermina l-persentaġġ ta' din id-diżabilità;

tillikwida okkorendo bl-opera ta' periti nonimandi d-danni kollha sofferti mill-attur fuq il-persuna tiegħu;

tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur fil-mutur tiegħu;

tikkundanna lil Simon Darmanin iħallas lill-attur l-ammonti hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Konvenut: Simon Darmanin, Nru. 15, Triq tal-Barrani, Żejtun.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 1067/2003 GC, fl-ismijiet Scerri Sandro vs Darmanin Simon, tinsab differita għan-notifika tal-konvenut għat-12 ta' April 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 31st May 2004, in the acts of the cause Writ of Summons number 1067/03 GC, Sandro Scerri vs Simon Darmanin, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Sandro Scerri, filed, on the 16th October 2003, a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, against Simon Darmanin, whereby he asked the defendant in view of that premised why this Court should not;

declare and decide that Simon Darmanin was solely responsible for the accident in question and the consequential damages suffered by the plaintiffs as a result of the car accident of the 3rd December 2001;

declare if necessary by the appointment of referees that the plaintiff suffered a permanent disability as a result of serious injuries suffered by him in the accident in question and to determine the percentage of disability;

to liquidate if necessary by the appointment of referees all the damages suffered by the plaintiff on his person;

to liquidate if necessary by the appointment of referees all the damages suffered by the plaintiff to his motor;

condemn Simon Darmanin to pay the plaintiff the amounts so liquidated.

With costs as stated in the writ of summons, against the defendant who is summoned so that a reference to his oath be made.

Defendant: Simon Darmanin, No. 15, Tal-Barrani Road, Żejtun.

The case Writ of Summons Number 1067/2003 GC, is the names Scerri Sandro vs Darmanin Simon, has been put off for the service of the defendant to the 12th April 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 21st February 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

358

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Diċembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-22 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet Michael Attard Holdings Ltd gia Michael Attard Limited vs Marisa Jones, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-22 ta' Settembru 2004, fil-Qorti tal-Maġistrati, lil Marisa Jones, 132, Triq Blanche Huber, Tas-Sliema, Michael Attard Holdings Ltd, gia Michael Attard Limited, Reġ. Nru. 6093, ta' National Road, Blata l-Bajda, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dana l-att inti tħallas is-somma ta' Lm978.60 (disa' mija u tmienja u sebgħin lira Maltija u sittin ċenteżmu) rappreżentanti import ta' għaxar kambjali skaduti, aċċettati u ffirmati minnek, oltre l-imgħax mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titoli eżekuttivi tagħha hawn indikati u dana ai termini ta' l-artikolu 253(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas li taderixxi ma' dina l-intimat s-soċjetà mittenti se tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi tagħha u dana ai termini ta' l-artikolu 256 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini ta' l-artikolu 256 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 17th December 2004 in the records of the judicial letter filed on the 22nd September 2004, in the names Michael Attard Holdings Ltd previously Michael Attard Limited vs Marisa Jones, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed on the 22nd September 2004, in the Court of Magistrates (Malta) against Marisa Jones, 132, Blanche Huber Street, Sliema, Michael Attard Holdings Ltd, previously Michael Attard Limited, Reg. Number 6093, of National Road, Blata l-Bajda, calls upon you so that within two days from the date of service of this act you pay the sum of Lm978.60 (nine hundred and seventy eight Maltese liri and sixty cents) representing value of ten bills of exchange which lapsed accepted and signed by you, besides interest from the date of maturity till the date of effective payment.

By the present the interpellant company, is rendering its executive titles herein indicated executable and this in terms of article 253(d) of Chapter 12 of Laws of Malta.

If the respondent fails to adhere to this notice, the interpellant company will continue with the execution of her executive titles and this in terms of article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial letter is required in terms of article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 21st February 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

359

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Awissu 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali datata 11 ta' Mejju 2004, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Marvic u Josianne Micallef ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-11 ta' Mejju 2004, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Marvic u Josianne miżżewġin Micallef (I.D. Nri 31175M u 164373M, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' elfejn mija u disgħa u sebgħin Lira Maltija u għaxar ċenteżmi (Lm2,179.10) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' tagħkom mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2004, sad-data ta' l-effettiv pagament.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 31st August 2004, in the records of the judicial leter dated 11th May 2004, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Marvic and Josianne Micallef ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter, filed, on the 11th May 2004, in the Court of Magistrates (Malta) against Marvic and Josianne spouses Micallef (I.D. numbers 31175M and 164373M) the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of two thousand one hundred and seventy nine liri and ten cents (Lm2,179.10) balance of debt in your 'Loan Account' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 1st April, 2004 till the date of effective payment.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skond il-liġi.

Soċjetà Mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St.Christopher Street,
Valletta.

Intimati: Marvic u Josianne miżżewġin Micallef,
28, Rose Garden, Flat 2, Triq il-Fawwara,
Santa Venera.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, il-21 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellant Company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C2833),
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Respondents: Marvic and Josianne spouses Micallef
28, Rose Garden, Flat 2, Fawwara Street,
Santa Venera.

Registry of the Superior Courts, today, 21st February 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

360

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fil-11 ta' Mejju 2004, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Hamadi u Marika miżżewġin Ben Dhiaf, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-11 ta' Mejju 2004, fil-Qorti tal-Maġistrati, lil Hamadi u Marika miżżewġin Ben Dhiaf ID Numri 15255A u 209572M, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn thallsu s-somma ta' erbat elef, ħames mija u wieħed u tmenin Lira Maltija u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm4,581.41) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Accounts' tagħkom mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skond il-liġi.

Soċjetà Mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Intimati: Hamadi u Marika miżżewġin Ben Dhiaf
(ID Nri 15255A u 209572M)
16, Notabile House, Triq Salvu Zahra,
Mosta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati, (Malta) illum 21 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 6th October 2004, in the records of the judicial letter filed on the 11th May 2004, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Hamadi and Marika spouses Ben Dhiaf, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter, filed on the 11th May 2004, in the Court of Magistrates, against Hamadi and Marika spouses Ben Dhiaf ID numbers 15255A and 209572M, the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of four thousand five hundred and eighty one Maltese Liri and forty one cents (Lm4,581.41) balance of debt in their 'Loan Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 1st April 2004 till the date of effective payment.

The interpellant Company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Respondents: Hamadi and Marika spouses Ben Dhiaf
(ID Numbers 15255A and 209572M)
16, Notabile House, Salvu Zahra Street,
Mosta.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 21st February 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

361

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Mejju 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali datata 2 ta' Marzu 2004, bin-numru 713/04 fl-ismijiet; HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Camilleri Brian (ID 117158M) u Marisa (ID 13457M) (konjugi) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront ta' l-intimat Brian Camilleri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-2 ta' Marzu 2004 lil 1. Camilleri Brian, 109, Old College Street, Sliema, 2. Camilleri Marisa, 28, Triq is-Sirk, is-Swieqi, is-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta, tirreferikom għall-kuntratt ta' self u kompro-vendita fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel datat 3 ta' Settembru 1997, (Dok. A) u tinterpellakom sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum intom tħallsu s-somma bilanċjali ta' għaxart elef mitejn erbgħa u tletin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm10,234.75) dovuti a tenur ta' l-istess kuntratt oltre l-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' ħlas, is-soċjetà mittenti tavżak li se jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregolaw ruħkom.

Din l-ittra hija rikjesta mil-Liġi u qed tintbagħat sabiex tirrendi il-kuntratt surreferit eżegwibbli, u dana a tenur ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 21 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 14th May 2004, in the records of the judicial letter dated 2nd March 2004, bearing number 713/04 in the names; HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Camilleri Brian (ID 117158M) and Marisa (ID 13457M) (spouses) ordered the following publication for the purpose of the respondent Brian Camilleri, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed on the 2nd March 2004, against 1. Camilleri Brian, 109, Old College Street, Sliema, 2. Camilleri Marisa 28, Triq is-Sirk, Swieqi, the company HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 116, Archbishop Street, Valletta, refers you to the contract of loan and sale in the records of Notary Gerard Spiteri Maempel dated 3rd September 1997, (Doc. A) and calls upon you so that within seven days from today you pay the balance of ten thousand two hundred and thirty four Maltese Liri and seventy five cents (Lm10,234.75) due in terms of the same contract besides legal interest till the date of effective payment.

Failing payment, the interpellant company warns you that further steps according to law will be taken in execution of their executive title without any other prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

This letter is required by Law and is being sent to render the contract above mentioned executable, and this in terms of Article 256 (2) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

With Costs.

Registry of the Superior Courts, today, 21st February 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

362

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Jannar 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 67/04 NC ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Mobisle Communications Limited ippreżentaw ċitazzjoni fis-27 ta' Jannar 2005, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra Domenic Chircop fejn talbu l-konvenut in vista tal-premess għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th January 2005, in the records of the Writ of Summons number 67/04NC, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Mobisle Communications Limited, filed a writ of summons on the 27th January 2005, in the First Hall Civil Court against Domenic Chircop whereby they asked the defendant in view of the premised why this Honourable Court should not;

Decide the case without proceeding to a hearing in terms of article 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Tikkundannah iħallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef mija u disgħa u għoxrin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm8,129.60) rappreżentanti ammont dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi.

Bl-interessi dekorribbli mid-data ta' l-ittra uffiċjali.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 67/2004 NC, fl-ismijiet Mobisle Communications Limited vs Chircop Domenic differita għas-smigħ għall-15 ta' April 2005, fid-9.00 a.m., għan-notifika.

